# 1. Il-Prologu

Neżżgħuli l-libsa ta' raħħal u l-ħorġa,
ħudu s-suffara li saffart ġol-wied:
għannejt il-ġmiel tas-siġar u l-egħlieqi,
issa ser ngħanni l-ħażen tad-drawwiet.

Libbsuni libsa bajda b'dammi suwed,
iżbgħuli wiċċi aħmar daqs in-nar,
'tuni parrokka safra b'xagħar imqanfed,
qegħduli lembut għoli fuq ix-xagħar.

Bħall-buffu tas-sultan ħalluni ninbex
u nweġġa' lil kulħadd u ngħid li rrid;
ħalluni nwaqqa' għaċ-ċajt, ħalluni nidħak,
fehemti waħda biss, fehma ta' ġid.

Toboghdunix; iżda idħlu ġewwa fikom,
araw kif intom pulċinelli żgħar;
jekk jirnexxilkom tidħku ġewwa fikom
bikom infuskom tkunu għorrief kbar.